



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2015
COM(2015) 40 final

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
(applikazzjoni EGF/2014/015 GR/Attica Publishing activities)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-"Regolament tal-FEG").
2. L-awtoritajiet Griegi ssottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/015 GR/Attica Publishing activities għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament dwar il-FEG (minn hawn 'il quddiem "sensji") f'46 intrapriża li joperaw fid-diviżjoni 58 ta' NACE Rev.2 (Attivitajiet ta' pubblikazzjoni)² fil-livell NUTS 2³ tar-reġjun tal-Attika (EL 30) fil-Greċja.
3. Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni għall-FEG:	EGF/2014/015 GR/Attica Publishing activities
Stat Membru:	Il-Greċja
Reġjun(i) kkonċernat(i) (livell NUTS 2):	L-Attika (EL 30)
Data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni:	4.9.2014
Data ta' konferma tal-wasla tal-applikazzjoni:	18.9.2014
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali:	18.9.2014
Data tat-talba għal ġimagħtejn addizzjonali sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni mitluba	29.10.2014
Data ta' skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali:	13.11.2014
Data ta' skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni:	5.2.2015
Kriterju tal-intervent:	Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament FEG
Is-settur(i) ta' attività ekonomika (Id-Diviżjoni tan-NACE Rev. 2):	Diviżjoni 58 ("Attivitajiet ta' pubblikazzjoni")
Perjodu ta' referenza (disa' xhur):	12 ta' Settembru 2013 - 12 ta' Ġunju 2014
Għadd ta' sensji jew waqfien ta' attività matul il-perjodu ta' referenza:	705

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqasim reġjonali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

Numru ta' benefiċjarji li mistennija jipparteċipaw fl-azzjonijiet:	705
Numru ta' żgħażagħ fil-mira barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs):	0
Il-baġit għas-servizzi personalizzati (EUR)	6 034 500
Il-baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁴ (EUR)	210 000
Baġit totali (EUR)	6 244 500
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	3 746 700

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. L-awtoritajiet Griegi ssottomettew l-applikazzjoni EGF/2014/015 GR/Attica Publishing activities fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Art. 4 tar-Regolament tal-FEG, jiġifieri l-4 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni kkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni fi żmien ġimagħtejn mid-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni, fl-18 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Griegi fl-istess data. L-awtoritajiet Griegi pprovdew din l-informazzjoni addizzjonali fi żmien tmien ġimgħat mid-data tat-talba, wara estensjoni tad-data tal-iskadenza b'ġimagħtejn fuq it-talba debitament iġġustifikata tal-awtoritajiet Griegi. Il-perjodu ta' 12-il ġimgħa mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta sa meta l-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribut finanzjarju jiskadi fil-5 ta' Frar 2015.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

L-intrapriżi u l-benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tikkonċerna 705 ħaddiema li ngħataw is-sensja⁵ f'⁴⁶ intrapriza⁶ li joperaw fid-diviżjoni 58 ta' NACE Rev. 2 (Attivitajiet ta' pubblikazzjoni) fil-livell NUTS 2 tar-reġjun tal-Attika (EL 30).

Kriterji ta' intervent

6. L-awtoritajiet Griegi ssottomettew l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġ mill-inqas 500 sensja fuq perjodu ta' referenza ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fil-livell tad-diviżjoni NACE Rev. 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' disa' xhur jibda fit-12 ta' Settembru 2013 u għandu sat-12 ta' Ġunju 2014.

⁴ Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

⁵ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-FEG.

⁶ Għal-lista ta' intrapriżi kkonċernati u l-għadd ta' ħaddiema li ngħataw is-sensja f'kull intrapriża ara l-Anness.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

8. Is-sensji kollha ġew ikkalkolati mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt tal-impjeg jew mal-iskadenza tiegħu.

Benefiċjarji eliġibbli

9. In-numru totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 705.

Rabta bejn l-ġhoti tas-sensja u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009

10. Sabiex tiġi stabbilita r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzati fir-Regolament (KE) Nru 546/2009, il-Greċja targumenta li l-ekonomija Griega hija f'reċessjoni profonda għas-sitt sena konsekuttiva (2008-2013). Skont l-ELSTAT, l-Awtorità tal-Istatistika Griega, mill-2008, il-PDG tal-Greċja naqas b'25,7 punt perċentwali, il-konsum pubbliku naqas b'21 punt perċentwali u l-konsum privat naqas bi 32,3 punt perċentwali, filwaqt li l-qgħad żdied b'20,6 punt perċentwali. Anki jekk huwa stmat li l-ekonomija Griega ser taqbad it-triq tar-“ritorn għat-tkabbir” u l-previżjonijiet għal uħud minn dawn l-indikaturi huma diġà pożittivi għall-2014⁷, is-suq tax-xogħol ser ikompli jesperjenza diffikultajiet fil-futur qrib.
11. Sabiex jindirizza l-kwistjoni tal-ħlasijiet lura tad-dejn barrani, fl-2008, il-gvern Grieg ħa miżuri xejn popolari, bħaż-żieda tad-dħul mit-taxxi, ir-razzjonalizzazzjoni tan-nefqa pubblika u t-tnaqqis tas-salarji tal-ħaddiema fis-settur pubbliku. Il-pagi fis-settur privat bdew jitnaqqsu wkoll f'tentattiv li tingħata spinta lill-kompetittività tal-ekonomija Griega. Sa mill-2008, eluf ta' intrapriżi waqqfu l-attivitajiet tagħhom u għalqu, u dan wassal biex ingħataw is-sensji lill-ħaddiema tagħhom u eluf ta' persuni li kienu jaħdmu għal rashom waqqfu l-attivitajiet tagħhom, b'dan kollu jikkontribwixxi għal żieda qawwija fil-qgħad. Effett immedjat tad-dħul imnaqqas kien tnaqqis fil-konsum privat - speċjalment ta' oġġetti mhux essenzjali.
12. Fl-2009, it-tnaqqis fil-konsum tal-unitajiet domestiċi fil-Greċja segwa l-istess xejra negattiva bħal fl-UE-27. Fl-2010 u l-2011, kien hemm irkupru fil-konsum tal-unitajiet domestiċi fil-livell tal-UE-27 segwit minn tnaqqis fl-2012. Il-konsum tal-unitajiet domestiċi fil-Greċja ilu jonqos mill-bidu tal-kriżi finanzjarja u ekonomika u ċ-ċifri komplew sejr in lura kull sena.

Konsum tal-unitajiet domestiċi (% tal-bidla meta mqabbel mas-sena ta' qabel)

	2008	2009	2010	2011	2012
UE-27	0,44	-1,67	1,04	0,26	-0,74
Il-Greċja	4,67	-1,91	-6,39	-7,91	-9,07

Sors: Eurostat.

13. Skont ir-rapport tal-ELSTAT dwar id-dħul tal-familji u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, 23 % tal-Griegi kienu taħt il-livell limitu tal-faqar⁸ fl-2012.
14. Skont studju riċenti⁹ minn INE-GSEE¹⁰, li ġie ppubblikat f'Lulju 2014, tlieta minn kull erba' ħaddiema jew impjegati qalu li l-livell tad-dħul tagħhom naqas fl-2014

⁷ http://ec.europa.eu/economy_finance/eu/forecasts/2014_autumn_forecast_mt.htm

⁸ Fil-Greċja, is-soll tal-faqar huwa ta' EUR 5 708 fis-sena għal kull persuna (għal individwi) u EUR 11 986 għal unitajiet domestiċi magħmulin minn żewġ adulti u żewġ itfal sa 14-il sena.

⁹ <http://www.inegsee.gr/wp-content/uploads/2014/07/Symperasmata.pdf>

meta mqabbel mas-sena ta' qabel minħabba tnaqqis fis-salarji. Barra minn hekk, 38 % ta' dawk li wieġbu kienu jemmnu li s-salarji tagħhom ser jergħu jonqsu fit-tliet xhur li gējjin. Il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu naqqsu l-ispejjeż tagħhom kif xieraq, b' mod partikolari l-baġit għal oġġetti mhux essenzjali bħal rivisti u gazzetti.

15. Sal-lum, is-settur tal-attivitajiet ta' pubblikazzjoni kien is-suġġett ta' applikazzjoni waħda oħra tal-FEG¹¹ abbażi wkoll tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.

Avvenimenti li wasslu għas-sensji u l-waqfien tal-attività

16. Skont l-awtoritajiet Griegi, l-avvenimenti li wasslu għas-sensji kienu primarjament tnejn: (1) it-tnaqqis fid-dħul disponibbli tal-unitajiet domestiċi – minħabba ż-żieda fil-piż tat-taxxa, it-tnaqqis fis-salarji (tal-impjegati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat) u ż-żieda fil-qgħad — li rriżulta fi tnaqqis qawwi tal-poter tal-akkwist u l-ħtieġa li jiġi prijoritizzat l-infiq filwaqt li jitnaqqas il-konsum ta' dawk li huma meqjusin bħala oġġetti mhux essenzjali għall-ħajja ta' kuljum; (2) it-tnaqqis drastiku tas-self lil intrapriżi u individwi minħabba n-nuqqas ta' flus kontanti fil-banek Griegi. Skont il-Bank of Greece, ir-rata ta' tkabbir annwali għas-self mogħti lill-unitajiet domestiċi u l-intrapriżi (minbarra intrapriżi finanzjarji) ilha negattiva mill-2010 minħabba n-nuqqas ta' flus kontanti fil-banek Griegi¹².
17. Matul is-snin 2009-2012, il-kumpaniji li kienu joperaw fis-settur tal-midja tal-massa waqqfu l-attivitajiet tagħhom jew inkella naqqsu s-salarji tal-impjegati tagħhom¹³. F'dan il-kuntest, il-kumpaniji fis-settur tal-midja tal-massa qegħdin juru tnaqqis fid-dħul tagħhom, hekk kif l-infiq fuq ir-reklamar, li huwa wieħed mis-sorsi bażiċi tad-dħul tagħhom, naqas drastikament: fl-2012, l-infiq fuq ir-reklamar fil-midja tal-massa laħaq is-somma ta' EUR 1,14 biljun, filwaqt li fl-2008 huwa kien laħaq is-somma ta' EUR 2,67 biljun, jiġifieri kien hemm tnaqqis ta' 57%¹⁴.
18. B'riżultat ta' dan, il-kumpaniji ta' kull tip u kategorija fis-settur tal-midja tal-massa bdew jiffaċċjaw problemi serji sabiex iħallsu l-obbligazzjonijiet tagħhom. Il-bilanċ tal-ħlasijiet juri li l-obbligazzjonijiet totali tal-kumpaniji fis-settur tal-midja tal-massa kienu jammontaw għal aktar minn € 3,2 biljun matul l-2010 u l-2011, b'50% minnhom ikunu obbligazzjonijiet għal perjodu ta' żmien qasir¹⁵.
19. F'dan il-qafas, il-kumpaniji tal-pubblikazzjoni ltaqgħu ma' problemi serji f'termini tal-vijabbiltà, hekk kif l-elementi tal-finanzjament u l-prestazzjoni tagħhom marru mill-ħażin għall-agħar matul il-perjodu tal-kriżi. It-tabella ta' hawn taħt tippreżenta l-fatturat tas-settur tal-pubblikazzjoni u turi x-xejriet kostanti 'l isfel fl-aħħar snin: l-indiċi tal-fatturat tal-intrapriżi fis-settur tal-pubblikazzjoni (div. 58) naqas b'aktar minn 40% matul l-aħħar tliet snin (2010-2013). Din ix-xejra 'l isfel hija stmata wkoll għall-2014.

Tabella 1: L-evoluzzjoni tal-indiċi tal-fatturat fis-settur tal-pubblikazzjoni (div. 58 NACE Rev. 2) fil-Greċja, 2010-2014

	2010	2011	2012	2013	BIDLA 2010-13	2014
div. 58. Attivitajiet	76,3	55,9	47,8	45,5	-40,4	43,8

¹⁰ L-Istitut tax-Xogħol tal-Konfederazzjoni Ġenerali Griega tax-Xogħol.

¹¹ FEG/2009/024 NL Noord Holland u Zuid Holland, COM(2010) 532.

¹² http://www.bankofgreece.gr/BogEkdoseis/Summary_Annrep2013.pdf

¹³ <http://www.efsyn.gr/?p=5033>

¹⁴ <http://www.3comma14.gr/pi/?survey=16005>

¹⁵ <http://www.efsyn.gr/?p=5033>

ta' pubblikazzjoni (sena bażi:2005=100)						(stima)
---	--	--	--	--	--	---------

20. In-nuqqas ta' likwidità bħala effett sekondarju tar-riċessjoni tal-ekonomija Griega żied mad-diffikultajiet tal-intrapriżi fis-settur tal-pubblikazzjoni.
21. L-intrapriżi f'dak is-settur (gazzetti, rivisti, eċċ.) esperjenzaw tnaqqis ta' 60 % fil-bejgħ tagħhom għall-perjodu 2009-2013 minħabba n-nuqqas ta' domanda għall-prodotti tagħhom. It-tnaqqis kontinwu fid-dħul tal-konsumaturi Griegi wassal għal tibdil fl-attitudni u d-drawwiet tal-konsum tagħhom u dawwar l-attenzjoni tagħhom għal fuq il-ħtiġijiet "primarji" tagħhom. Din ix-xejra 'l isfel hija karatteristika għall-kumpaniji tal-gazzetti fl-Attika - li jirrappreżentaw parti kbira mill-kumpaniji tal-pubblikazzjoni fis-settur tal-midja tal-massa - illi tilfu nofs il-qarrejja tagħhom matul il-perjodu tal-kriżi (ara t-tabella 2).

Tabella 2: L-evoluzzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-gazzetti tal-Attika f'kategoriji magħżula (2008-2013)

	2008	2009	2010	2011	2012	2013
GAZZETTI LI JOĦORĠU NHAR TA' ĦADD	1.130.178	1.115.732	971.287	861.111	730.425	676.537
GAZZETTI LI JOĦORĠU FILGĦODU	59.581	52.280	41.262	31.686	28.385	6.916
GAZZETTI LI JOĦORĠU FILGĦAXIJA	254.694	226.055	203.961	174.804	130.100	101.754
GAZZETTI FINANZJARJI LI JOĦORĠU KULL ĠIMGĦA	43.065	27.621	34.665	20.721	15.206	9.016
AMMONT TOTALI	1.487.518	1.421.688	1.251.175	1.088.322	904.116	794.223


22. Konsegwentement, il-livelli tal-impjiegi naqsu b'mod sinjifikanti u, matul il-perjodu 2010-2013, l-impjiegi fis-settur tal-pubblikazzjoni (div. 58 NACE Rev. 2) naqsu bi 28.7 punti perċentwali¹⁶ skont l-Istitut Grieg tax-Xogħol.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

23. Is-sensji jħallu impatt negattiv sinjifikanti fuq l-ekonomija lokali, reġjonali u nazzjonali. L-għadd ta' persuni qiegħda fil-Greċja matul il-perjodu 2008-2013 żdied b'erba' darbiet.

¹⁶ <http://www.inegsee.gr>

Rata tal-qgħad



Sors: Eurostat¹⁷

24. Fl-istess ħin, ir-rata tal-qgħad fir-reġjun tal-Attika fl-ewwel kwart tal-2014 kienet ta' 28% (filwaqt li l-medja għall-Greċja kienet ta' 27,8%)¹⁸. Dan ir-reġjun jikkontribwixxi bi 43% għall-PDG Grieg (għalhekk, il-kriżi mġarrba mill-intrapriżi fir-reġjun taffettwa l-ekonomija Griega kollha kemm hi). Huwa jammonta wkoll għall-akbar sehem ta' persuni qiegħda fil-Greċja, fatt li jaffettwa b'mod negattiv il-pożizzjoni tal-forza tax-xogħol fl-Attika.
25. Barra minn hekk, instab li l-biċċa l-kbira tal-intrapriżi fiż-żona usa' ta' Ateni qegħdin jiffaċċjaw problemi ta' vijabbiltà komuni. Għalhekk, huwa ovvju li s-sensji fl-intrapriżi tal-pubblikazzjoni kienu ta' piż żejjed għal reġjun li diġà kien intlaqat ħażin mill-konsegwenzi negattivi tal-kriżi.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

26. L-għadd stmat ta' ħaddiema fil-mira li mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 705, jiġifieri l-ħaddiema eliġibbli kollha li ngħataw is-sensja. It-tqassim tal-ħaddiema fil-mira skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji	
Sess:	Irġiel:	391	(55,46 %)
	Nisa:	314	(44,54 %)
Ċittadinanza:	Ċittadini tal-UE:	693	(98,30 %)
	Mhux ċittadini tal-UE:	12	(1,70 %)
Grupp ta' età:	15-24 sena:	12	(1,70 %)
	25-29 sena:	40	(5,67 %)

¹⁷ Code tsdec450

¹⁸ Sors: L-Awtorità tal-Istatistika Griega, sħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, dejta tal-ewwel kwart.

30-54 sena:	576	81,71%
55-64 sena:	71	(10,07 %)
aktar minn 64 sena:	6	(0,85 %)

Eliġibiltà tal-azzjonijiet proposti

27. Is-servizzi personalizzati li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu mill-azzjonijiet li ġejjin:

- Gwida okkupazzjonali: Din il-miżura ta' akkumpanjament, li sejra tkun offruta lill-parteċipanti kollha, tkopri l-istadji li ġejjin:

1 Ir-reġistrazzjoni u l-investigazzjoni tal-ħtiġijiet. L-ewwel miżura pprovduta lill-parteċipanti kollha tinkludi r-reġistrazzjoni tad-dejta u l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet – personali, professjonali, soċjali, kif ukoll l-għoti ta' informazzjoni dwar is-servizzi disponibbli u l-programmi ta' taħriġ u dwar ir-rekwiżiti tat-taħriġ u l-ħiliet.

2 Dokument okkupazzjonali u personali. Dan hu maħsub biex jgħin lill-ħaddiema jidentifikaw il-ħiliet tagħhom u l-opportunitajiet relatati mal-interessi tagħhom, u biex jistabbilixxu pjan realistiku għall-karriera tagħhom. Il-valutazzjoni tal-ħiliet tinvolvi konsulenza intensiva u personalizzata, strutturata bħala mogħdija li tikkonsisti f' bosta stadji li fihom il-ħaddiem u dawk li jipprovdu l-pariri jaħdmu fuq kwistjoni (eż. opportunitajiet, interessi, analiżi tal-motivazzjonijiet u l-aspettattivi, l-ostakoli, eċċ.). Wara dawn il-valutazzjonijiet, jitfassal dokument personali u okkupazzjonali, li jistabbilixxi sommarju tal-ħiliet tal-parteċipant, il-proġett individwali tiegħu/tagħha u pjan ta' azzjoni.

3 Proċedura tal-iżvilupp okkupazzjonali u personali. Din tinkludi: (1) id-definizzjoni tal-miri okkupazzjonali flimkien mal-attivitajiet ta' tfittxija għall-impjiegi; (2) id-determinazzjoni u l-evalwazzjoni tas-sorsi tal-opportunitajiet ta' impjiegi; (3) il-modi possibbli għas-sottomissjoni ta' kandidatura għal pożizzjoni; (4) il-kitba ta' CV u ittra ta' akkumpanjament; (5) it-tnejn għal intervista; (6) l-għoti ta' għarfien bażiku dwar is-suq tax-xogħol u dwar kwistjonijiet istituzzjonali, okkupazzjonali, kummerċjali u legali.

4 It-twettiq tal-pjan ta' azzjoni individwali. Il-konsulenti ser jakkumpanjaw ukoll lill-ħaddiema matul l-implimentazzjoni tal-mogħdijiet tat-taħriġ tagħhom u tal-pjanijiet individwali ta' reintegrazzjoni fid-dinja tax-xogħol. Il-parteċipanti li huma interessati li jiffidu negozju sejrini jirċievu appoġġ ġenerali u konsulenza fl-intraprenditorija fil-qafas tal-miżura tal-gwida okkupazzjonali.

5 Monitoraġġ. Dan jipprovdi segwitu tal-parteċipanti matul is-sitt xhur wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-miżuri.

- It-taħriġ u t-taħriġ vokazzjonali. Din il-miżura tikkonsisti fl-għoti ta' korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali lill-ħaddiema, li jikkorrespondu għall-ħtiġijiet tagħhom, kif identifikati matul l-attività ta' konsulenza okkupazzjonali, u f'oqsma u setturi bi prospettivi ta' iżvilupp tajbin u li jikkorrespondu għall-ħtiġijiet rikonoxxuti fis-suq tax-xogħol. Ser jiġu pprovduti żewġ tipi ta' taħriġ: programmi ta' taħriġ vokazzjonali kontinwu, kif ukoll programmi edukattivi jew korsijiet speċjalizzati.

- Sussidju għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom. Il-ħaddiema li jifflu n-negozju tagħhom se jirċievu sa EUR 15 000 li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-bidu. Fil-Greċja, waħda mid-diffikultajiet ewlenin li jaffaċċjaw l-impreditturi meta jifflu negozju hija l-aċċess għal finanzjament. Il-banek, minħabba n-nuqqas ta' flus, jiċċhdu l-maġġoranza ta' talbiet għal self. Din il-miżura għandha l-għan li tippromwovi l-intraprenditorija permezz ta' dan l-appoġġ finanzjarju.
 - Benefiċċju għat-tfittxija għax-xogħol u benefiċċju għat-taħriġ. Biex jiġu koperti l-ispejjeż imġarrbin meta jieħdu sehem fil-miżura ta' gwida okkupazzjonali, il-benefiċjarji se jrin jirċievu EUR 50 għal kull jum ta' parteċipazzjoni. Waqt it-taħriġ, il-benefiċċju se jkun ta' EUR 6 fis-sieġha.
 - Benefiċċju tal-mobbiltà. Dawk il-ħaddiema li jaċċettaw impjieg li jinvolvi tibdil ta' residenza se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 2 000 biex ikopru n-nefqa meħtieġa.
28. L-azzjonijiet proposti, deskritti hawnhekk, jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma għandhomx jissostitwixxu miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
29. L-awtoritajiet Griegi pprovdew l-informazzjoni meħtieġa dwar l-azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intrapiżi kkonċernati permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux sejra tiegħu post azzjonijiet bħal dawn.

Baġit stmat

30. L-ispejjeż totali stmati huma EUR 6 244 500, li jinkludu n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 6 034 500 u n-nefqa għall-attivitajiet ta' thejjiġa, amministrazzjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar ta' EUR 210 000.
31. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 3 746 700 (60 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Numru stmat ta' parteċipanti	Spiża stmata għal kull parteċipant (EUR)	Spejjeż totali stmati (EUR)
Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)			
(Konsulenza okkupazzjonali)	705	1 250	881 250
Taħriġ vokazzjonali	460	2 400	1 104 000
Taħriġ/edukazzjoni speċjalizzat(a)	245	4 000	980 000
(Sussidju għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom)	80	15 000	1 200 000
Subtotal (a):			4 165 250
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	(69,02 %)

Benefiċċji u inċentivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)			
Benefiċċji għal meta wieħed ikun qed ifittex impjeg	705	1 250	881 250
Benefiċċji għat-taħriġ	460	1 800	828 000
Benefiċċji għall-mobilità	80	2 000	160 000
Subtotal (b):			1 869 250
Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati		–	(30,98 %)
Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG			
1. Attivitàjiet ta' tħejjija		–	40 000
2. Amministrazzjoni		–	40 000
3. Informazzjoni u pubbliċità		–	100 000
4. Kontroll u rapportar		–	30 000
Subtotal (c):		–	210 000
Perċentwal tal-ispejjeż totali:			(3,36 %)
Spejjeż totali (a + b + c):		–	6 244 500
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali)		–	3 746 700

32. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li dawn l-azzjonijiet jiddependu mill-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitàjiet ta' tiftix ta' impjeg jew taħriġ.
33. L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li l-ispejjeż tal-investimenti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, il-ftuħ ta' negozji u l-akkwiżizzjoni minn impjegati mhumiex ser jaqzbu l-EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

34. L-awtoritajiet Griegi bdew jipprovdu s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fit-28 ta' Novembru 2014. Għalhekk, in-nefqa fuq l-azzjonijiet imsemmija fil-punt 27 għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-28 ta' Novembru 2014 sat-28 ta' Novembru 2016.
35. L-awtoritajiet Griegi bdew iġarrbu n-nefqa amministrattiva sabiex jimplimentaw il-FEG fit-3 ta' Novembru 2014. Għalhekk, in-nefqa għall-attivitàjiet ta' tħejjija, amministrazzjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-3 ta' Novembru 2014 sat-28 ta' Mejju 2017.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

36. Is-sors ta' prefinanzjament jew kofinanzjament nazzjonali huwa l-Programm ta' Investiment Pubbliku tal-Ministeru tal-Iżvilupp Grieg.

37. L-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li l-miżuri deskritti hawn fuq li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhumiex sejrin jirċievu wkoll kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew ir-rappreżentanti tagħhom jew l-imsieħba soċjali kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali

38. L-awtoritajiet Griegi indikaw li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira (l-Unjin tal-Ġurnalisti tal-Gazzetti li Joħorġu ta' Kuljum f'Ateni (ΕΣΗΕΑ), l-Unjin tal-Impjegati tal-Gazzetti li Joħorġu ta' Kuljum f'Ateni (ΕΠΗΕΑ)) u l-Istitut tax-Xogħol GSEE). Fis-17 ta' Ġunju 2014, huma bagħtu ittra lill-Ministru u lid-Deputat Ministru tax-Xogħol b'informazzjoni dwar il-kriżi prevalenti fis-settur kollu tal-midja bħala riżultat tar-riċessjoni ekonomika fil-pajjiż, ir-rapportar dwar in-numru kbir ħafna ta' kumpaniji li joperaw fis-settur tal-midja li kienu qegħdin iwaqqfu l-attivitajiet tagħhom, it-tnaqqis tas-salarji tal-impjegati tagħhom, it-tkeċċija tal-ħaddiema, eċċ. u li fiha talbu lill-awtoritajiet sabiex jivverifikaw l-eliġibbiltà ta' applikazzjoni potenzjali għall-FEG. Fis-27 ta' Ġunju 2014 saru l-arranġamenti għall-ewwel laqgħa bejn l-awtorità maniġerjali tal-FEG fil-Greċja (EYSEKT) u r-rappreżentanti ta' ΕΣΗΕΑ, ΕΠΗΕΑ u tal-Istitut tax-Xogħol tal-GSEE. Fil-31 ta' Lulju 2014 saret it-tieni laqgħa, li għaliha attendew rappreżentanti tal-Awtorità għall-Koordinazzjoni u l-Monitoraġġ tal-FSE (EYSEKT), rappreżentanti ta' ΕΣΗΕΑ, ΕΠΗΕΑ u tal-Istitut tax-Xogħol tal-GSEE u rappreżentanti tal-ħaddiema. F'din il-laqgħa, ir-rappreżentanti tal-ħaddiema taw dejta ddettaljata dwar il-każ potenzjali u r-rappreżentanti minn ΕΣΗΕΑ, ΕΠΗΕΑ u l-Istitut tax-Xogħol tal-GSEE impenjaw ruħhom li jinformaw lill-ħaddiema kollha dwar it-talba għal finanzjament mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni. Wara kien imiss li l-partiċipanti kollha jiddiskutu d-disinn tal-azzjonijiet individwalizzati proposti għall-benefiċjarji.
39. Il-proposti tar-rappreżentanti tal-impjegati kienu bbażati fuq il-ħtiġijiet tagħhom, kif ukoll fuq il-pożizzjoni tal-imsieħba soċjali – abbażi tal-ħtiġijiet u l-partikolaritajiet tas-suq tax-xogħol lokali.
40. L-EYSEKT ikkooperat mal-partijiet kollha involuti fuq id-disinn tal-azzjonijiet individwalizzati proposti għall-benefiċjarji.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

41. L-applikazzjoni tinkludi deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Greċja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja sejra tiġi ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jmexxu u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fil-Greċja. L-Awtorità għall-Koordinazzjoni u l-Monitoraġġ tal-Azzjonijiet tal-FSE (EYSEKT) ser tagħxi bħala awtorità maniġerjali, l-EDEL (il-Kumitat tal-Awditjar Fiskali) bħala l-awtorità tal-awditjar u s-Servizz tal-Awtorità tal-Pagamenti Speċjali bħala l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

42. L-awtoritajiet Griegi pprovdew il-garanziji kollha meħtieġa rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u nondiskriminazzjoni sejrin jiġu rrispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom;
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar għotjiet ta' sensja kollettivi ġew issodisfati;

- meta l-intrapriżi li jkunu taw is-sensja jkunu komplew bl-attivitajiet tagħhom wara t-tkeċċijiet, huma jkunu kkonformaw mal-obbligi legali tagħhom li jirregolaw l-għotjiet tas-sensja u jkunu pprovdew għall-ħaddiema tagħhom kif xieraq;
- l-azzjonijiet proposti se jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema individwali u mhux se jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- l-azzjonijiet proposti mhux ser jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni u kwalunkwe finanzjament doppju ser jiġi evitat;
- l-azzjonijiet proposti se jrin ikunu kumplimentari ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali;
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se jra tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

43. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stipulat fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹⁹.
44. Wara li studjat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset in-numru ta' benefiċjarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat il-FEG għall-ammont ta' EUR 3 746 700, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
45. Id-deċiżjoni proposta ta' mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba.²⁰

Atti relatati

46. Filwaqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se jra tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment ta' ammont ta' EUR 3 746 700 fl-intestatura baġitarja relevanti.
47. Fl-istess waqt li tadotta l-proposta għal deċiżjoni biex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni se jra tadotta deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG.

¹⁹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

²⁰ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni EGF/2014/015 GR/Attica Publishing activities)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006²¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba²², u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit sabiex jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li nġhataw is-sensja u għall-persuni li kienu jaħdmu għal rashom u kellhom iwaqqfu l-attività tagħhom bħala riżultat tal-bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi ekonomika u finanzjarja globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, jew bħala riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida u biex jassistihom fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xoġhol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013²⁴
- (3) Fl-4 ta' Settembru 2014, il-Greċja sottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji²⁵ f'46 intrapriża li joperaw fid-diviżjoni 58 ta' NACE Rev. 2 (attivitàjiet ta' pubblikazzjoni)²⁶ fil-livell NUTS 2 fir-reġjun tal-Attika (EL 30) fil-Greċja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. L-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG b'konformità mal-

²¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

²² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

²³ ĠU L 167, 29.6.2009, p.26.

²⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

²⁵ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-FEG.

²⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitàjiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Għalhekk, il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza ammont ta' EUR 3 746 700.

- (4) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Greċja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 3 746 700 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President